32000R1649

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) nru 1649/2000
tal-25 ta' Lulju 2000
li jagħti lir-Repubblika ta' Moldova l-benefiċċju ta' l-arranġamenti ta' nċentiv speċjali li jikkonċernaw id-drittijiet tax-xogħol

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2820/98 tal-21 ta' Diċembru 1998 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġġeneraliżżati multiannwali għall-perijodu l-1 ta' Lulju 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001 [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1310/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Billi:

(1) Is-Sezzjoni 2 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 2820/98 jagħmel tajjeb għall-possibiltà ta' l-għoti ta' l-arranġamenti ta' nċentiv speċjali li jikkonċernaw id-drittijiet tax-xogħol.

(2) Fil-11 ta' Frar 1999, ir-Repubblika ta' Moldova ssottomettiet talba biex tivvantaġġja ruħha minn dan ir-regime, bl-għoti ta' l-informazzjoni u l-impenn imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament imsemmi qabel.

(3) Skond l-Artikolu 11(2), il-Kummissjoni ppubblikat nota [3] li tħabbar t-talba tar-Repubblika ta' Moldova.

(4) Xi partijiet interessati għamlu l-kummenti tagħhom magħrufa lill-Kummissjoni.

(5) It-talba kienet eżaminata skond l-Artikolu 12 tar-Regolament imsemmi qabel.

(6) Il-leġiżlazzjoni domestika tar-Repubblika ta' Moldova tinkorpora s-sustanza tal-livelli stipulati fil-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 87, 98 u 138.

(7) L-eżami mwettaq mill-Kummissjoni wriet li l-awtoritajiet Moldovani ħadu l-miżuri neċessarji għall-applikazjoni effettiva u s-sorveljanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(8) Ir-Repubblika ta' Moldova kkommetiet lilha nfisha biex tassigura l-applikazzjoni effettiva u l-kontroll ta' l-arranġamenti speċjali kif ukoll il-kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament imsemmi qabel.

(9) Fid-dawl tal-kummenti riċevuti u s-sejbiet ta' l-eżami, huwa xieraq li tiġi approvata t-talba.

(10) Il-miżuri preskritti f'dan ir-Regolament huma bi ftehim ma' l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 31 tar-Regolament imsemmi qabel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-benefiċċju ta' l-arranġamenti speċjali ta' nċentiv li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2820/98 hu mogħti lir-Repubbika ta' Moldova.

2. Il-prodotti msemmija fl-Anness I tar-Regolament imsemmi qabel jibbenefikaw mill-arranġamenti speċjali ta' nċentiv soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14 tiegħu.

3. Id-dazju tat-Tariffa Komuni tad-Dwana applikabbli għall-prodotti konċernati jiġi mnaqqas skond il-provvedimenti ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament imsemmi qabel.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jiġi fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tielet xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Pascal LAMY

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 357, tat-30.12.1998, p. 1.
(2) ĠU L 148, tat-22.6.2000, p. 28.
(3) ĠU C 176, tat-22.6.1999, p. 13.